MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 687/2008

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C1113)**

**Vs**

**Anthony Ellul**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u sitta u sebghin Euro u wiehed u sebghin centezmi (€476.71), mitejn u erba' liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm204.65c), li tirraprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut, u hija dovuta mill-istess konvenut favur is-socjeta' attrici Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) skond l-anness *statement of account* immarkat Dok A u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi baqa' inadempjenti.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-Mandat ta' Sekwestru tal-Mandat Kawtelatorju, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u sitta u sebghin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€476.71), mitejn u erba' liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm204.65), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------